MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 102/2010

**Medsea Shipping Agency Limited (C-45855)**
**vs**
**Blue Wave Line Limited (C-44940)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mis-socjeta' attrici fil-5 ta' Frar, 2010, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

1. Illi s-socjeta' attrici wettqet xoghol a kariku tas-socjeta' konvenuta rappresentanti 'bunkering fees' in konnessjoni ma' zewg bastimenti bl-isem ta' 'MV Antoina' u 'MV Fahim Bay' liema 'bunkers' jammontaw ghas-somma kumplessiva ta' tnejn u hamsin elf u disgha u erbghin dollaru Amerikan [$52,049]- [Ara l-kontijiet hawn annessi u mmarkat bhala Dok. 'MSAL1 u MSAL3']
2. Illi skont id-Dokument MSAL 1 l-ammont dovut fit-tnejn (2) ta' Frar 2008 kien ta'dsatax-il elf erba' mija u hamsa u ghoxrin dollar Amerikan (US$19,425) li bir-rata

ta’ skambju ta’ dak inhar li l-ammont kien dovut jammonta ghal tlettax-il elf u sebghin Ewro u ghoxrin centezimu (€13,070.20c);
3. Illi skont id-Dokument MSAL 2 l-ammont dovut fis-sebgha (7) ta’ Jannar 2009 kien ta’ tmienja u ghoxrin elf mija u erbatax-il Dollaru Amerikan (US$28,114) li bir-rata ta’ skambju ta’ dak inhar jammonta ghal ghoxrin elf tmien mija u disgha u ghoxrin Ewro u erbghin centezimu (€20,829.40c);
4. Illi skont id-Dokument MSAL 3 l-ammont dovut fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Frar 2009 kien ta’ erbat elef hames mija u ghaxar dollar Amerikan (US4,510) li bir-rata ta’ skambju ta’ dak inhar jammonta ghal tlett elef hames mija u sebgha u tletin Ewro u centezimu (€3,537.01);
5. Illi s-socjeta’ konvenuta baqghet ma hallsitx l-ammont dovut ta’ sebgha u tletin elf erba’ mija u sitta u tletin Ewro u wiehed u sittin centezimu [€37,436.61c] hawn fuq indikat.
6. Illi ghalhekk illum il-gurnata u fid-data tal-presentata tal-presenti kawza is-somma hawn fuq imsemmija hija somma certa, likwida u dovuta ai fini u effetti kollha tal-ligi u ghandha tithallas mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici u ukoll l-istess socjeta’ konvenuta il-kawza odjerna m’ghandu l-ebda linja jew linji difensjonali x’taghti in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet tas-socjeta’ attrici u per konsegwenza jezistu c-cirkostanzi kollha ikkontemplati fl-Art. 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta halli din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh in kwantu dan jirrigwardja it-talbiet attrici ghall-hlas;

Talbet ghar-ragunijiet hawn fuq premessi li s-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta ihallas is-somma ta' sebgha u tletin elf erba’ mija u sitta u tletin Ewro u wiehed u sittin centezimu [€37,436.61c] lis-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez, bl-imghax kummercjali mid-data li kienu dovuti sad-data ta’ l-pagament effettiv.

Rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta’ attrici;

Rat li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tal-lum imsejjha tlett darbiet ma deher hadd biex jirrapprezentaha;

Semghet lil Elton Borg, ghas-socjeta’ attrici, jiddikjara bil-gurament tieghu illi s-socjeta’ konvenuta baqghet ma hallset xejn mill-ammont dovut minnha lis-socjeta’ attrici;

Peress li, fic-cirkostanzi, t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fir-rikors guramentat, u hekk tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta' sebgha u tletin elf erba’ mija u sitta u tletin Ewro u wiehed u sittin centezimu [€37,436.61c] dovuta kif inghad; bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba kontra is-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------